Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1341, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1327, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(2017/C 232/06)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1341 [1] u fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1327 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kien iddeċieda li l-persuni li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK [3] u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 [4].

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni konċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness IIa għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 16 tar-Regolament).

Il-persuni konċernati jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill qabel il-1 ta' Marzu 2018, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn li d-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-finijiet ta' rieżami perjodiku tal-Kunsill tal-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati, f'konformità mal-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK u l-Artikolu 32(4) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

[1] ĠU L 185, 18.7.2017, p. 56.
[2] ĠU L 185, 18.7.2017, p. 20.
[3] ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.
[4] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.